DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 59/2022

tat-18 ta' Marzu 2022

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/1127]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1341 tat-23 ta' April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi ta' ttestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq u li jemenda l-Anness II ta' dak ir-Regolament ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 52 (ir-Regolament (UE) Nru 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32021 R 1341**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1341 tat-23 ta' April 2021 (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 4)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 52c (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1243):

"52d. **32021 R 1341**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1341 tat-23 ta' April 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi ta' ttestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistemi tagħhom ta' twissija tal-ħedla u tal-attenzjoni tas-sewwieq u li jemenda l-Anness II ta' dak ir-Regolament (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 4)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1341 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-19 ta' Marzu 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 292, 16.8.2021, p. 4.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([2]) Aral-paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN